# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru 2024**

**Numru 10**

**Rikors Numru 1101/20TA**

**Pauline Montebello (386269M), Luca Montebello (375693M), James Montebello (111895M), Nicholas Montebello (86198M) u Miguel Montebello (324899M)**
**vs**
**Supretendent tas-Sahha Pubblika u t-Tabib Principali tal-Gvern**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Pauline Montebello armla ta' William, Luca, James, Nicholas u Miguel, aħwa Montebello wlied l-Attriċi u d-defunt William (l-Atturi) tal-24 ta' Novembru 2020 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

> 1. Illi nhar is-7 ta' Awissu tas-sena 2020 iddahhal l-emergenza gewwa l-iSptar Mater Dei William Montebello, ossia r-ragel tar-rikorrenti Pauline Montebello u missier ir-rikorrenti l-ohra Luca, James, Nicholas u Miguel, ahwa Montebello, fl-eta' ta' 51 sena, u dan ftit qabel il-hin ta' nofs il-lejl,

b'ugigh f'sidru u f'idejh ix-xellugija hekk kif jirrizulta mil-*case summary* relattiva liema dokument qed jigi anness u mmarkat **Dok WM1**;

2. Illi William Montebello gie ezaminat u ftit sighat wara, ghall-habta tal-10 ta' filghodu tat-8 ta' Awissu tas-sena 2020, huwa gie rilaxxat bi preskrizzjoni tal-medicina bl-isem ta' Maalox;

3. Illi nhar l-istess 8 ta' Awissu tas-sena 2020, fil-hin ta' filghaxija William Montebello rega hass l-istess ugigh, u minkejja li ha l-medicina preskritta skond l-istruzzjonijiet moghtija lilu mit-tabib tal-emergenza baqa mugugh tant li hu kellu jerga jirrikorri ghad-dipartiment tal-emergenza gewwa l-iSptar Mater Dei, u dan anqas minn 24 siegha wara li kien dahal ghall-ewwel darba;

4. Illi huwa car li Willliam Montebello ma missu qatt thalla johrog mill-iSptar Mater Dei, u dan ghaliex is-sintomi li kellu kienu ghadhom hemm;

5. Illi sussegwentament William Montebello baqa qatt ma hareg mill-iSptar Mater Dei u dan sakemm miet nhar l-20 ta' Awissu tas-sena 2020 (certifikat tal-mewt anness u mmarkat **Dok WM2**);

6. Illi l-mewt ta' William Montebello sehhet biss u unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u/jew nuqqas ta' attenzjoni da parti tat-tim mediku li assistha lil William Montebello kemm kien ilu l-iSptar Mater Dei partikolarment it-tim mediku li kien assista lill-istess meta mar l-emergenza l-ewwel darba nhar is-7 ta' Awissu tas-sena 2020 sakemm huwa hareg l-ghada nhar it-8 t' Awissu tas-sena 2020, u b'konsegwenza ghal dawn huma responsabbli l-konvenuti;

7. Illi b'konsegwenza tal-mewt ta' William Montebello, l-atturi soffrew danni ingenti, kemm attwali kif ukoll futuri u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

8. Illi minkejja li l-atturi interpellaw lill-konvenuti diversi drabi, u dan anki permezz ta' ittra ufficjali datata s- 26 ta' Ottubru tas-sena 2020 bin-numru 3513/2020 (**Dok WM3**) huma xorta wahda baqghu inadempjenti;

9. Illi din il-kawza qed ssir sabiex tigi ddikjarata r-responsabbilita tal-konvenuti, ossia s-Supretendent tas- Sahha Pubblika u t-Tabib Principali tal-Gvern, ghal mewt ta' William Montebello u dan sabiex jigu likwidati d- danni kollha sofferti mill-atturi bhala rizultat ta' din il-mewt, u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u sabiex il-konvenuti ihallsu l-atturi is-somma hekk likwidata

Ghaldaqstant, in vista ta dak kollu fuq premess, l-atturi bir-rispett jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara illi konvenuti jew minn minnhom, unikament responsabbli ghall-mewt ta' William Montebello li sehhet nhar l-20 ta' Awwissu tas-sena 2020 gewa l-iSptar Mater Dei u ghad-danni konsegwenzjali kollha, inkluzi dawk morali, li garrbu l-atturi bhala rizultat ta' tali mewt;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-atturi mal-mewt ta' William Montebello;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi is-somma rapprezentanti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u interessi legali kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali bin-numru 3513/2020 kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern, illum Uffiċjal Mediku Ewlieni (il-konvenuti) tat-12 ta' Frar 2021 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok, jeħtieġ li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawża odjerna stante li n-nomenklatura tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern inbidlet għal; - "Uffiċjali Mediku Ewleni";

2. Illi fir-rigward tal-mertu l-esponenti jeċepixxu fl-ewwel lok illi ai termini tal-Artikolu 158 (3) (c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta` Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tallbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt

4. Illi l-kura li ngħata l-pazjent William Montebello kienet waħda korretta u definittivament korrispondenti għall-bżonnijiet mediċi tiegħu, kif ser jiġi spjegat aħjar tul it-trattazzjoni ta` din il-kawża;

5. Illi sub-ordinatament u mingħajr preġidizzju għall-premess, il-kura mogħtija kienet secundum Artem u għalhekk ħadd mill-konvenuti m` għandu jirrispondi għad-danni pretiżi mir-rikorrenti;

6. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess, kwalsiasi dannu, u ultimament il-mewt tal-imsemmi William Montebello, ma ħuma bl-ebda mod riżultat ta` xi nuqqas jew negliġenza da parti tal-konvenuti intimati.

7. Illi għar-raġunijiet suesposti u kif ħa jiġi trattat fil-mori ta din il-kawża, l-esponenti ċertament idderiġew ruħhom b` mod korrett meta ħadu id-deċiżjoni mertu ta` din il-kawża;

8. Illi in vista tas-suespost, l-esponenti qiegħdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-każ;

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża.

Rat u qrat ix-xhieda tal-persuni mressqa fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

William Montebello, żewġ l-attriċi u missier l-Atturi l-oħrajn fis-7 ta' Awwissu 2020 daħal l-isptar Mater Dei b'uġiegħ f'sidru u jdejh ix-xellugija u kif ukoll minħabba aċtu fl-istonku u tifwieq. Dan ġara meta qabel, kien mal-familja tiegħu u kiel pizza.

Għall-ħabta ta' l-10.00am tal-ġurnata ta' wara ċioe' fit-8 ta' Awwissu 2020 ġie 'discharged' u t-tabib li raħ ippreskrivilu l-mediċina 'Maalox' kontra l-aċitu ta' l-istonku. Qabel ma ġie 'discharged' sarulu xi testijiet. Id-dijanjosi li saritlu l-isptar kienet ta' 'a typical chest pain' (a' fol 6).

Fit-8 ta' Awwissu 2020, fil-għaxija, William Montebello reġa' kellu uġiegħ li din id-darba kien akkompanjat b'dardir, bl-għaraq ixoqq għalih u fl-istess ħin iħoss il-bard. Minkejja li ħa l-mediċina preskritta l-uġiegħ baqa' jippersisti. Għalhekk kellu jerġa' jittieħed l-isptar iżda fit-triq intilef min sensiħ. Kien fil-karozza privata tal-familja.

Wara li ddaħħal l-ITU jidher li sarlu minn kollox biex ikun salvat. Fl-20 ta' Awwissu 2020 miet l-isptar Mater Dei fl-eta' ta' 51 sena. L-Atturi qed isostnu li dak li ġara huwa responsabbilita' tal-konvenuti għaliex William Montebello miet minħabba t-tim mediku li assistiħ fis-7 ta' Awwissu 2020.

Għalhekk b'konsegwenza ta' dan l-Atturi qegħdin isostnu, li sofrew danni li għandhom iwieġbu għalihom il-konvenuti.

**Punti ta' Liġi**

Huwa manifestament ċar li l-Atturi qed jimpostaw l-azzjoni tagħhom għal danni naxxenti minn danni mhux aquiljani, iżda dawk ix-xorta ta' danni ta' natura kuntrattwali u dan għar-raġunijiet li ser ikunu spjegati aktar 'l isfel.

A propositu ta' dan, il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Joseph Busuttil -vs- Emmanuel Schembri deċiża fid-19 ta' Frar 1954**. F'dan il-każ il-Qorti spjegat li wieħed mill-kriterji sabiex jiġi deċiż jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew aquiljana, voldiri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiljana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali. Din il-Qorti rriteniet li fatt ta' negliġenza u imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali, li jista' ikun 'non factum' jew anke 'male factum' ma tistax tkun kolpa aquiljana imma 'damnum injuria datum' li jista' isir fl-okkażżjoni ta' kuntratt. Il-Qorti ċċitat lil Laurent li jgħallem "*Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il quasi delitto interessa la sicurezza delle persone ... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario*".

Għalkemm id-danni jitwieldu minn inadempjenza kuntrattwali, dan ma jfissirx li din il-Qorti m'għandhiex teżamina l-għemil tad-debitur, fil-każ tal-lum tal-konvenuti, biex tiskopri jekk urewx dik id-diliġenza neċessarja fl-operat tagħhom di fronte ta' l-Atturi, kull wieħed minnhom fil-mansjonijiet rispettivi tiegħu.

Xorta huwa mistenni minnhom li jaġixxu bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja. Tibqa' għalhekk applikabbli n-norma ta' l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*". Di fatti fis-**Sentenza fl-ismijiet Arthur George Lambert et -vs- Anthony Buttigieg pro et noe et deċiża fit-18 ta' April 1963 – (Vol. XLVII.III.1110)** intqal li "*ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilita' kontrattwali u ħtija aquiliana ... jista' jkun hemm materja ta' delitt jew kważi delitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha żewġ azzjonijiet – dik nascenti minn ħtija contrattuale u dik nascenti minn ħtija extra contrattuale."* Id-differenza partikulari bejn iż-żewġ azzjonijiet hija prinċipalment fiż-żmien biex tkun eżerċitata l-azzjoni minħabba l-preskrizzjoni estentiva. Imma f'dan il-każ l-anqas ma qed tkun eċċepita xi xorta ta' preksrizzjoni. Sa fejn jirrigwarda l-azzjoni li qed tkun esperita, l-Atturi għandhom dritt ifittxu għad-danni b'konsegwenza tal-mewt ta' William Montebello. Huma għandhom ikunu kkunsidrati bħala l-*continuum* ġuridiku tal-mejjet, kwantu għall-attriċi bħala armla u kwantu għall-Atturi l-oħrajn, bħala wlied.

Min-naħa l-oħra huwa paċifiku, fil-ġurisprudenza tagħna illi "*min ifittex għad-danni jrid jipprova mħux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta' kawża u effett mad-danni sofferti*" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

Fil-każ ta' tobba l-Qorti mil-ewwel tagħmel referenza għas-Sentenzi fuq il-materja, fost oħrajn għas-**Sentenza fl-ismijiet Gauci v. Felice, deċiża fil-**

**31 ta' Ottubru 2008**, fejn ingħad li "*ir-relazzjoni bejn tabib u pazjent tixbaħ aktar in-natura ta' kuntratt, b'dan, pero`, li mit-tabib mhux mistenni dejjem riżultat pożittiv, għax l-obbligazzjoni tiegħu mhux dik di risultato iżda di mezzi, fis-sens li l-obbligu tat-tabib huwa deskritt bħala li "egli e` tenuto ad usare la diligenza che la natura dell'attivita` esercitata esige"* (Ara **Corte Cassazione d'Italia, 21 ta' Lulju 1989; każ Numru 3476**).

Dan ifisser, li filwaqt li t-tabib ikun irid jipprova li hu aġixxa kif il-professjoni tistenna minnu u cioe' *secundum arte*, il-pazjent irid juri, fl-ewwel lok, li ġara xi ħaġa ħażina waqt l-intervent kirurġiku, xi ħaġa, jiġifieri, mhux mistennija li sseħħ f'operazzjoni jew investigazzjoni ta' dik ix-xorta.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Kawża hija kjarament diretta kontra l-Awtoritajiet li jamministraw l-isptar u s-sistema sanitarja tagħha. B'dak kollu li tagħti u dak kollu li ġġib magħha. F'dan ir-rigward intqal li *"La responsabbilita' dell'ente ospidaliero gestore di un servizio sanitario, nei kofnronti del privato, che ha richiesto il (ed usufruito del) servizio, ha natura contrattuale di tipo proferssionae.*" (Ara **Giovanna Visintini, Trattato Breve Della Responsabilita' Civile, Cedam, 1996, pg 238**).

Dan ifisser li l-konvenuti għandhom ukoll iwieġbu għall-iżbalji ta' dawk li huma fl-impjieg tagħhom fosthom tobba u dawk addetti magħhom. L-anqas hija kwistjoni ta' *culpa in elgendo,* eċċezzjoni, li fi kwalunkwe każ mhux qed tkun sollevata. Iżda hija responsabbilita' stretta, stante li ninsabu fil-kamp sanitarju pubbliku u mhux privat. L-Istat ma jistax fil-kamp tas-saħħa

pubblika jeċepixxi mat-*tax payer* kull eċċezzjoni li tista' tingħata fil-kamp sanitarju privat. Dan għaliex, fil-waqt f'dak pubbliku l-persuna hija obbligata bil-liġi tagħmel tajjeb għal dan is-servizz, f'dak privat l-għażla tal-kura hija fuq ħlas volontarju.

Jibda mill-ewwel biex jingħad li anke mir-rikors ġuramentat, li l-mument li l-aktar li qegħdin jilmentaw minnu l-Atturi, mhux wisq meta William Montebello ddaħħal it-tieni darba l-isptar, iżda meta daħal l-isptar b'emerġenza fis-7 ta' Awwissu 2020 (Ara premessa 6).

F'sens ġenerali l-Atturi jilmentaw minn dijanjosi ħażina dak in-nhar li ddaħħal u li anke intbagħat kmieni d-dar. L-Attriċi tgħid, li l-familja ssuspettat li setgħet kienet xi ħaġa relatata mal-qalb (a' fol 21). Hekk jgħid ukoll it-tifel Luca u dan peress li kien suxxettibbli minħabba l-istorja tal-familja (a' fol 61). L-Atturi jgħidu li Dr. Caroline Magri ammettiet li dak in-nhar li daħal l-emerġenza ma mxewx kif suppost u għamlu dijanjożi ħażina (a' fol 63).

Il-Qorti tħoss li mill-ewwel għandha tikkonsidra jekk kienx hemm dijanjosi tajba meta l-ewwel darba li ddaħħal l-isptar u jekk l-eżami li sarlu u l-kura mogħtija kinitx **secundum arte**. Skond id-dokument ta' discharge "*Patient was afebrile ... no longer in pain, eating and drinking, thus the patient was deemed fit for discharge ...*" (a' fol 58 tergo). Il-konvenut Luca Montebello jgħid li Dr. Caroline Magri ammettiet li dak in-nhar li daħal l-emerġenza ma mxewx kif suppost u għamlu dijanjożi ħażina (a' fol 63).

Dan il-fattur jiddependi fuq l-ewwel pjan ta' eżamijiet fir-rigward ta' persuna li tippreżenta lilha nnifisha bis-sintomi klassiċi ta' possibilita ta' attakk tal-qalb ossia *infarct*: uġiegħ fis-sider, tifwieq u uġiegħ li jdur għal idejn ix-xellugija. Dawn kienu s-sinjali li preżenta William Montebello u li għal kull min huwa sekulari huma sinjali ċari ta' attakk tal-qalb. Fil-fatt fil-case summary ta' meta ġie ammess William Montebello jingħad li "*Presented with intermittent of central chest discomfort that radiated to the left upper limb. Started this night. Associated with increased belching ...*" (a' fol 6).

F'dan ir-rigward Dr. Caroline Magri li rat lil William l-emerġenza fis-7 ta' Awwissu 2020 tgħid, li t-troponin level fil-qalb kien 10 li huwa tajjeb. Imma dak waħdu mhux test biżżejjed. Tgħid ukoll, li għalhekk kienu żammewħ l-isptar biex jagħmlulu test tad-demm. Din tgħid li minn dak li kien qalilha l-pazjent, ma jirriżultalix li kien hemm family history u l-file mediku tal-pazjent ma jkunx l-emerġenza.

Din ix-xhud tispjega x'sar meta fis-7 ta' Awwissu 2020 William Montebello daħal l-isptar. Din hija l-ġurnata, li skond l-Atturi saret id-dijanjożi żbaljata:

*"L-uġiegħ li ddiskriva il-pazjent meta ħa l-istorja Dr. Josef Micallef kien hemm ħafna fatturi li ma jindikawx li huma ġejjin mill-qalb. Infatti biex ħriġna dijanjosi kien hemm, ħadna testijiet tad-demm. Żewġ tipi ta' testijiet tad-demm. Jiġifieri jgħidulu high sensitive troponin, li hija speċifiku tal-qalb. Dawn ittieħdu sa fejn naf jiena mis-sagħtejn neqsin għaxra ta' fil-għodu u ieħor fis-sebgħa u ħamsa ta' fil-għodu li t-tnejn kienu negattivi. Jiġifieri riżultat 10. U t-test ta' wara ħames siegħat ġie 10. Jiġifieri l-upper limit,*

*jiġifieri tista' tgħid upper limit of normal is more than 14, jiġifieri it-tnejn kienu negattivi. Apparti dat-test tad-demm tal-qalb ittieħdu ukoll ECG jiġifieri electric cardials. Ittieħed aktar minn wiehed. Ukoll fuq dawn it-testijiet ma kien qed jindika xejn li kien hemm attakk tal-qalb. Jiġifieri dawn ir-riżultati there was, sijja fl-istorja li ħa Dr Micallef flimkien ma' dawn it-testijiet li ħadna, sijja l-blood tests ukoll mal-ECG's ma kienx jindika li kellu, li dal-patient kellu attakk tal-qalb"* (A' fol 416). Dawn it-testijiet huma skond il-guidelines tal-isptar. Iddeċidew li jagħtu discharge għaliex ma kienx hemm *acute corner syndrome*, jiġifieri attakk tal-qalb (416 tergo). Meta hu discharged il-pazjent kien "*symptom free*" (a' fol 417 tergo).

Dr Josef Micallef, il-konsulent pulmikologu, jispjega li "*Sabiex tkun taf it-troponin huwa test sensittitv ħafna. It's more than 99% sensitive. Kien ittieħed it-tieni wieħed. Minn hemm tkunx taf għandux attakk tal-qalb jew angina. Jekk it-troponin ikun fuq 30 "*it is probably a heart attack" (ara fol 426).

Dan ix-xhud ikompli jgħid li "*Mr Montebello kien ilu milli rajt jien xi sagħtejn iħoss id-dwejjaq f'sidru u qatt ma kien ħassu qabel. U dak l-ewwel troponin li ħadu l-emerġenza at exactly 1.51 am dak huwa x'ħin joħroġ il-label u t-tabib imur jieħu d-demm. L-ewwel wieħed kien 10. Tajjeb? Imbagħad aħna nieħdu t-tieni troponin. Ma noqgħodux fuq wieħed. Għax għalkemm wieħed huwa pretty precise we take a second one, issa l-guidelines jgħidulna terġa' tieħu ECG's oħra li ttieħdu u troponin ieħor about three hours to six hours*" (a' fol 425 tergo). Ikompli billi jgħid li *"it-test l-aktar modern jismu high*

*sensitivity troponin T. Sewwa. Għax hawn pajjiżi oħrajn li forsi m'għandhomx il-fortuna tagħna. U dan huwa test li within two or three hours, jibda tiela', jekk ikun hemm evidenza ta' heart attack"* (a' fol 425 tergo). Dan jispjega wkoll li bil-kelma a typical ifisser "*Non cardiac chest pain because he had no troponin rise and he had normal ECG's and the history was not typical of an angina or heart problem*" (a' fol 430). It-teħid tat-troponin test jirriżultaw (ara a' fol 439, 440 u 441) u f'sms lil wieħed mill-uliedu, William Montebello li jikkonferma li qalulu li t-testijiet huma tajbin (a' fol 472).

Issa f'din il-kawża jissemmgħu diversi guidelines u protokols. Wara li għalqet il-provi tagħha l-Attriċi ġiet ammessa li tippreżenta dokument ta' guidelines (a' fol 504). B'referenza għal dan id-dokument Dr. Tonio Piscopo, Consultant Physician, jgħid li dawn huma guidelines u mhux protokoll. Fil-waqt li tal-ewwel hija diskrezzjonali, tat-tieni hija mandatorja u trid timxi magħha bil-fors (a' fol 515). Jispjega, li d-dokument li preżentat l-Attriċi huwa tat-troponin jiġifieri ma għadux jeżisti u għalhekk ma jistax jintuża fil-waqt li dak li kien preżentat fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2022 huwa b'referenza għal Troponin T li huwa l-aktar riċenti. (a' fol 517 u 518). Allura huwa ċar, li dan l-aħħar wieħed huwa l-aktar wieħed rilevanti għal din il-kawża.

Issa mill-atti jirriżulta li l-ewwel darba li daħal l-isptar William Montebello, dawn it-testijiet kollha saru. Pero' din il-Qorti ma waqfitx hawn. Ħarset lejn

xi jgħidu *best practises* oħrajn, partikularment dawk Ingliżi. Fix-xhieda tiegħu Dr. Luca Conti jgħid li l-guide lines li jimxu fuqhom huma dawk tal-European Guidance Society Guidelines. Dan huwa sit li għandu compendium tal-aqwa esperti kardjoliġiċi u fost dawn hemm miktub hekk:

"*The HISTORIC trial(3) examined the efficacy and safety of an expedited pathway, where high-sensitivity cardiac troponin testing is used to rule out myocardial infarction at presentation, compared to standard care. Myocardial infarction is ruled out at presentation with a single test using a lower threshold of 5 ng/L.(4) The scientific basis for this approach to risk stratification is published simultaneously in Circulation.(5) If the troponin concentration is above this risk stratification threshold, <u>cardiac troponin is measured again at three hours</u>; myocardial infarction is ruled out if the concentration is unchanged and remains below the 99$^{th}$ percentile"*. (Emfażi tal-Qorti Ara **Rapid pathway for suspected heart attack enables healthy patients to go home earlier: HiSTORIC trial presented in a Hot Line Session today at ESC Congress 2019 together with WCC. 01 Sep 2019**).

Fil-fehma tal-Qorti, it-tim ta' Mater Dei, fis-7 ta' Awwissu 2020 mexa ma dan it-tagħlim. U li kieku dan ma kienx biżżejjed il-Qorti sabet is-segwenti:

> *"If a heart attack is suspected, you should be admitted to hospital immediately. You will usually be admitted to an acute cardiac care*

*unit (ACCU), or directly to the cardiac catheterisation unit, to confirm the diagnosis and begin treatment.*

*Electrocardiogram*

*An electrocardiogram (ECG) is an important test in suspected heart attacks. It should be done within 10 minutes of being admitted to hospital.*

*An ECG measures the electrical activity of your heart. Every time your heart beats, it produces tiny electrical impulses. An ECG machine records these signals onto paper, allowing your doctor to see how well your heart is functioning.*

*An ECG is painless and takes about 5 minutes to do. During the test, flat metal discs (electrodes) are attached to your arms, legs and chest. Wires from the electrodes are connected to the ECG machine, which records the electrical impulses.*

*An ECG is important because:*

- *it helps confirm the diagnosis of a heart attack*
- *it helps determine what type of heart attack you have had, which will help determine the most effective treatment*

*Blood tests*

*Damage to your heart from a heart attack causes certain proteins to slowly leak into your blood.*

*If doctors suspect you have had a heart attack, a sample of your blood will be taken so it can be tested for these heart proteins (known as cardiac markers).* (Ara fost oħrajn letterattura tal-**guide lines tal-NHS**). U kif ukoll "*Measuring your troponin level often can quickly tell your healthcare provider whether you are having a heart attack. During a heart attack, an artery that feeds your heart muscle with blood becomes blocked"*. (Skond **University of Rochester Medical Center) (**Ara wkoll ix-xhieda ta' Mr. Robert Xuereb f'dan ir-rigward)

Tajjeb ukoll li jingħad li meta persuna tidħol l-ewwel darba b'suspett ta' attakk tal-qalb, Dr. Caroline Magri, li kienet it-tabiba li ratu t-tieni darba, tgħid li meta t-troponin u l-ECG ma jkunux normali mid-dipartiment tal-Medical jidħlu f'dak tal-Kardjoloġija. Għalhekk tal-mediċina jibqgħu jagħmlu dawn it-testijiet b'mod regolari "*u jekk ikun hemm xi problema along the way, li b'xi mod it-troponin jew jgħola jew l-ECG jinbidel, hemmhekk jgħajjtu lilna*" (a' fol 450 tergo). Pero' huwa interessanti li jkun osservat, li minkejja fil-kontro eżami ta' din ix-xhud, ma saritiliex il-mistoqsija jekk hux minnu li qalet lill-familja li fis-7 ta' Awwissu 2020, jew f'xi ħin ieħor, kienu għamlu dijanjożi ħażina, kif jgħidu li qalet l-Atturi (vide supra).

Imma l-Atturi jinsistu wkoll li, it-tim ta' Mater Dei ma daħalx fih jew ma tax każ il-kwistjoni tal-istorja medika tal-ġenituri tal-mejjet, li t-tnejn mietu fl-eta' bħal dik tal-mejjet William Montebello. M'hemm ebda dubbju li l-istorja medika tal-familja tal-pazjent huwa wieħed mill-fatturi li jrid ikun ikkunsidrat.

Dr. Caroline Magri tgħid ukoll li importanti li ssir il-mistoqsija dwar l-istorja medika tal-familja peress li huma rilevanti u importanti (450 tergo). Imma skond din il-Qorti la huwa l-uniku fattur u l-anqas wieħed li bil-fors ikun determinanti. Fil-bidu tal-konsiderazzjonijiet diġa' sar aċċen għal dan l-aspett tal-każ.

Għalkemm l-Atturi kemm -il darba jsostnu li t-tobba l-isptar ma kinux jafu bl-istorja tal-familja, meta ddaħħal it-tieni darba jingħad li kien hemm "*Strong family history of cardiac problem: both parents deceased at 50 years*". (a' fol 135, ara wkoll a' fol 186 tergo u a' fol 477, 478 u 479). Aktar minn hekk fid-dokument tal-fiżjo terapisti hemm imniżżel li William Montebello kellu storja tal-ġenituri tiegħu li mietu f'eta' żgħir. Fil-waqt li Dr. Caroline Magri tgħid li l-fiżjo terapija ma hiex kompetenza tagħha, tispjega wkoll li fiżjo-terapisti żgur ħadu din l-osservazzjoni minn xi noti li jkunu għamlu t-tobba preċedenti, għaliex dawn ma jieħdux noti bħal dawn. Huma t-tobba jew nurses *at most*, minn anestetisti li jagħmlu noti bħal dawn (a' fol 135 u 454). Issa Dr. Josef Muscat jixhed li huwa *standard practice* li jistaqsu lill-pazjent "*fuq il-familja, jekk hemmx xi ħadd li miet f'eta' żgħira ... dawn huma standard questions li nistaqsu lil ħafna nies meta narawhom whatever reason*" (a' fol 429). Issa, kemm -il darba saret emfażi li qabel ma ddaħħal l-ewwel darba l-isptar, il-mejjet ma kellu ebda kundizzjonijiet. Dan huwa minnu għaliex mill-istorja medika tiegħu jirriżulta li kellu xi darba problemi bl-intestini iżda qatt ma daħal qabel fuq problemi tal-qalb. Għalhekk din in-nota ma jistax jingħad li ġejja minn snin qabel iżda mill-

epoka li qegħdin nitkellmu dwarha f'din il-Kawża. Għalhekk il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni fuq bażi ta' raġjonevolezza, li għalkemm m'hemmx espressament li saritlu din il-mistoqsija, f'xi stadju saritlu żgur.

Pero' tajjeb li jkun osservat li Dr. Andrew Cassar jixhed li l-istorja tal-familja hija importanti imma f'dan il-każ partikulari "*ma kienx ħa jbiddel il-management tal-każ. Jiġifieri l-pazjent jekk kienx hemm miktub mal-family history jew kienx hemm miktub li missieru miet żgħir, ma kienx ser ibiddel it-treatment li kien se jieħu l-pazjent ... meta tagħmel dawn it-testijiet saru aktar speċifiċi minn the family history*". (a' fol 539).

F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li kiteb il-Professur George Gregory Buttigieg:

"*The nonmedical cases may require corroboration by a witness m whereas in the medical one the relationship has evidence, for example, the medical records with the name of the patient and the doctor. These are but minor differences, although they may be made to flower into significant ones. However, the biggest difference lies in the rationale of assessing the final damage, its causality link and its subsequent allotment of guilt and hence recompense*" (**Vide Profs George Gregory Buttiġieġ, Vol 1, Optimising Maltes Obstetric Medico-Legal Dymanics, Lambet Acadmenic Publishing, pgs 318-319**).

Fil-fehma tal-Qorti huwa wkoll validu dak li josserva Dr. Tonio Piscopo li meta dak li jkun jiġi biex iqies fuq ix-xorta ta' chest pain li *"Imma din ma hiex deċiżjoni li ma tistax, it's not black and white.* *<u>Nothing is black and white in clinical medicine</u>. Imma inti għandek numru ta' risk factors li huma hemm u jiġi xi ħadd b'typical chest pain, ħa tagħti kasu u jkollu troponin għoli għandek the stress have a line. Tajjeb? Allura għandek każ. <u>Jekk għandek xi ħaġa in between, u imbagħad hemmhekk hemm diskrezzjoni klinika. It's up to the clinician to decide</u>"* (Emfażi tal-Qorti. A' fol 533 u 534).

Fil-fatt skond din il-Qorti dan huwa l-prinċipju li jiddistingwi x-xorta ta' culpa fil-każ tal-professjoni medika u dik ta' professjonijiet oħra. Il-Grad ta' culpa fil-każ tal-professjoni medika huwa wieħed elevat, tenut kont tad-deċiżjonijiet li jridu jittieħdu fil-mument, bħal ma hija operazzjoni u anke dijanjożi ta' ċirkostanzi li jippreżentaw sintomi ambigwi. Il-mediku ma jistax ikun rimproverat għaliex ikun ħass li fil-mument dik kienet l-aħjar triq li kellu jieħu sakemm ovvjament ma jkunx żball ta' ħmar jiġifieri kemm -il darba ma jintweriex li n-nuqqas imwettaq kien wieħed grossolan (Ara **Sentenza tas-27 ta' Novembru 2012 fis-Sentenza fl-ismijiet John Cachia et -vs- Dr. Tancred Busuttil et**).

It-tabib ma jistax idendel l-għodda mal-ħajt biex jilħaq jaħsibha. Id-dewmien fil-fejqan huwa fatali. Ma hiex kwistjoni ta' deċiżjonijiet bl-għaġġla iżda ta' interventi f'waqqithom li ma jistgħux jistennew. Fl-aħħar mill-aħħar, fil-qasam mediku l-għaqal mistenni mil-liġi jitkejjel fuq l-attenzjoni li jrid juri

professjonista meqjus u attent li jagħti s-servizz tiegħu b'attenzjoni skrupluża, tħejjija professjonali xierqa u l-għarfien ta' l-aħjar teknika aġġornata fir-rigward. F'kull każ, dan il-kejl huwa wieħed oġġettiv u, kif qalet din il-Qorti f'okkażjoni oħra, "*il-Qorti li tiġi mitluba tiġġudika fuq għemil ta' professjonist m'għandhiex tissostitwixxi l-ġudizzju tagħha fuq dak indikat mill-prattika tal-mediċina. Dak li hu mistenni minn kirurgu hu, li jikkonforma ruħu ma' dak li jrid il-'general medical practice' u mhux ma' dak li l-Qorti jidhrilha li għandu jsir".*

Kif diġa' ingħad, William Montebello reġa' iddaħħal l-isptar fit-8 ta' Awwisu 2020. Din il-Qorti diġa' irrilevat, li fir-rikors ġuramentat u bil-provi li ressqu l-emfażi tagħhom hija pjuttost dak li ġara bejn is-7 ta' Awwissu 2020 u 'l għada. Imma peress li kif ikkonfezzjonat ir-rikors ġuramentat bħal donnu jestendi għall-perjodu ta' wara, il-Qorti ser ukoll tagħmel il-kummenti tagħha f'dan ir-rigward.

Jibda biex jingħad, li fit-tieni darba, il-familja ma ħaditx mill-ewwel lil William Montebello l-isptar. Minkejja li wara l-ewwel darba William ittieħed id-dar fl-10.00am, il-mediċina preskritta, sakemm taħ it-tieni attakk, kienet għadha ma nxtratx. Din kienet mediċina kontra l-aċitu fl-istonku. Di fatti l-Attriċi tgħid, li fit-8 ta' Awwissu meta kien għadu kif kiel reġa' ħass l-uġiegħ ġej. Kienet hemm li marret biex tixtri l-mediċina preskritta u minkejja li ħadha l-mediċina Maalox ma ħadmitx. (a' fol 22).

Luca jgħid li t-tabib qallu li din il-mediċina kellha tittieħed jekk jerġa' jħoss l-uġiegħ ta' qabel. Luca jgħid li fit-8 ta' Awwissu *"kien qiegħed jegħreq ħafna, imdardar u beda jħoss sħana u bard f'daqqa*" (a' fol 61). Jgħid ukoll li ħaduħ l-isptar wara xi nofs siegħa meta raw li l-kundizzjoni qed tiggrava (a' fol 62). Waqt li kien fil-karrozza William Montebello intilef minn sensiħ u ma bedix jieħu nifs sakemm xi ħin wara ġie rissuxxitat pero' jidher li l-ħsara li kellha ssir saret għaliex għamel tul ta' ħin mingħajr ossiġnu. B'hekk ħafna mill-organi bdew iċedulu.

Meta daħluħ it-tieni darba t-tabiba Caroline Magri qaltilhom li William kellu bżonn *angiogram*. Dan kien ser isir b'ċertu riskju peress li kellhom irraqqulu d-demm. Għamlulu molla f'qalbu u anke nefħu bużżieqa fl-arterja biex jippermettu li jgħaddi d-demm. Skont l-istess Attriċi l-operazzjoni kienet ta' suċċess (a' fol 23 u ara wkoll records mediċi a' fol 190).

Xi jiem wara l-istess tabiba qaltilhom li l-qagħda ta' William kienet gravi u sa jumejn oħra ser jitfulu l-magni. L-Attriċi, fil-presenza ta' William Montebello opponiet, u insistew li dik kellha tkun deċiżjoni tal-familja (a' fol 23). It-tabiba qaltilha jekk tridx li żewġha jsir veġeti. Iżda l-Attriċi insistiet li żewġha jingħata ċ-ċans li jfieq u l-magni ma jitfewhomx u fil-fatt ma tfewhomx.

Skond l-Attriċi kien hemm għaġġla biex titbattal is-sodda fl-ITU u saħansitra tgħid li semgħet lit-tabiba tgħid li "*Yes, protocol must change at the emergency and this case will go to Mr. Xuereb (head of Cardiology at Mater*

*dei) and it will go to the Board."* (a' fol 24). It-tabiba ċediet għat-talbiet ta' l-Attriċi.

Għal darba oħra, in kontro eżami din it-tabiba ma ġietx mistoqsija dwar dan l-aspett tan-narrativa ta' l-Atturi. Kien hemm ukoll opportunita' li jagħmlu mistoqsija lil Robert Xuereb, head of Cardiology, dwar dan u l-anqas hawn ma saret mistoqsija f'dan is-sens. Din il-Qorti ma tistax tieħu dak li qalu l-atturi bħala vanġelu mingħajr ma mqar kien hemm xi xorta ta' korroborazzjoni u l-aqwa waħda kienet dik li jsiru l-mistoqsijiet kif intqal.

Il-Qorti tifhem id-dulur u n-niket ta' l-Atturi, partikularment meta persuna mill-familja tmut f'eta' relattivament żgħira. Iżda mhux l-ewwel darba, li din il-Qorti tara li f'każijiet bħal dawn, dak li jkun perċepit minn għajnejn sekulari mhux bil-fors ikun l-istess bħall-konklużjonijiet ta' dawn il-Qrati minn ottika mediko-ġuridika.

Għalhekk kemm minn eżami tal-provi u anke fid-dawl tal-konstatazzjonijiet fuq imsemmija din il-Qorti ma ssibx li t-talbiet Attriċi bħala fondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.

**Deċide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa'** ir-raba', il-ħames u s-sebgħa eċċezzjonijiet tal-konvenuti u konsegwentement tiċħad it-talbiet Attriċi kollha.

Spejjes għall-Atturi.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**